



Brussell, 10 ta' Marzu 2026
(OR. en)

5910/26

LIMITE

CORLX 109
CFSP/PESC 160
RELEX 134
COEST 86
FIN 186

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) 2024/2642 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet
destabilizzanti tar-Russja

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/2642 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L, 2024/2642, 9.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2642/oj>.

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2024/2642.
- (2) Fit-18 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li fihom ikkundanna bil-qawwa l-attakki ibridi reċenti kollha kontra l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
- (3) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-attivitajiet malizzjużi tar-Russja diretti kontra l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li erba' persuni fiżiċi jżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 2024/2642.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/2642 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/2642 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-entrati li ġejjin jiżdiedu fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/2642 taħt l-intestatura “A. Persuni fiżiċi”:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"66.	Sergey Aleksandrovich KLYUCHENKOV (bir-Russu: Сергей Александрович КЛЮЧЕНКОВ) magħruf ukoll bħala Sergey MARDAN; Sergey LELEKA (bir-Russu: Сергей МАРДАН; Сергей ЛЕЛЕКА)	Funzjoni: ġurnalista, preżentatur tar-radju u preżentatur tat-televiżjoni; impjegat ta' "Komsomolskaya Pravda", preżentatur tal-programm tar-radju "Evening Divan", u l-programm televiżiv "Mardan" fuq l-istazzjon Soloviev LIVE Data tat-twelid: 11.7.1969 Post tat-twelid: Varezh, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Klyuchenkov huwa analista politiku u propagandist prominenti Russu li għandu rwol attiv fit-tixrid tal-propaganda u d-diżinformazzjoni Russa mmirati biex jiġġustifikaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Klyuchenkov jappoġġa l-attakki fuq l-Ukrajna, inkluż attakki fuq persuni ċivili, u jappella għal aktar vjolenza. Barra minn hekk, Klyuchenkov appella għad-“de-Ukrajnizzazzjoni” tat-territorji okkupati, inkluż projbizzjoni tal-lingwa Ukrena, it-tneħħija ta' simboli kulturali u għal vjolenza kontra dawk li jappoġġaw l-identità Ukrena. Klyuchenkov jappella għall-okkupazzjoni mir-Russja tal-istati Baltiċi u jissuġġerixxi attakki ta' ritaljazzjoni kontra pajjiżi li jappoġġaw lill-Ukrajna, inkluż l-Istati Uniti, it-Turkija, il-Ġermanja, Franza u r-Renju Unit.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			<p>Għaldaqstant, Sergey Klyuchenkov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki attribwibbli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u f'pajjiż terz (l-Ukrajna) billi jinvolvi ruħu fi, direttament jew indirettament, u billi jappoġġa l-użu tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza, u billi jappoġġa kunflitt vjolenti f'pajjiż terz (l-Ukrajna).</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
67.	Ernest Gedrevich МАККЕВИЦИУС (bir-Russu: Эрнест Гедревич МАЦКЯВИЧИУС)	Funzjoni: ġurnalista u preżentatur tat-TV; preżentatur tal-programm "Vesti at 20:00" fuq l-istazzjon "Russia" Data tat-twelid: 25.11.1968 Post tat-twelid: Vilnius, Lithuania Nazzjonalità: Litwana, Russa Sess: raġel	Ernest Mackevicius huwa l-preżentatur ewlieni tal-aħbarijiet tat- televiżjoni tal-istat Russu. Huwa l-preżentatur u l-wiċċ tal- programm tal-aħbarijiet "Vesti at 20:00" fuq l-istazzjon "Russia". Mackevicius regolarment ixxerred diżinformazzjoni u propaganda dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, dwar l- Ukrajna nnifisha u dwar il-forzi armati Ukreni. Jippreżenta b'mod konsistenti rapporti preġudikati dwar l-avvanzi tal-militar Russu u dwar it-telf jew l-irtirar tal-armata Ukrena. Jappoġġa wkoll lill-forzi armati Russi u lill-President tar-Russja, Vladimir Putin. Fl-2024, serva bħala kummentatur għall- inawgurazzjoni ta' Putin fuq l-istazzjon televiżiv "Rossiya 1", entità elenkata mill-Unjoni. Għaldaqstant, Ernest Mackevicius huwa responsabbli għall- implimentazzjoni ta', l-appoġġ għal u l-benefiċċju minn azzjonijiet u politiki attribwibbli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl- Unjoni u fpajjiż terz (l-Ukrajna) billi jinvolvi ruħu fi, direttament jew indirettament, u billi jappoġġa l-użu tal-manipulazzjoni tal- informazzjoni u l-interferenza, u billi jappoġġa kunflitt vjolenti fpajjiż terz (l-Ukrajna).	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
68.	Graham Williams PHILLIPS	Funzjoni: ġurnalista, blogger Data tat-twelid: 26.1.1979 Post tat-twelid: Dundee, United Kingdom Nazzjonalità: Brittaniku Sess: raġel	<p>Graham Phillips huwa propagandist Brittaniku prominenti li għandu rwol attiv fit-tixrid tal-propaganda u d-diżinformazzjoni Russa mmirati lejn il-ġustifikazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Phillips regolarment jiġbed kontenut minn żoni okkupati mir-Russja, inkluż intervisti ma' ġellieda Brittaniċi maqbuda, u ġibed filmat degradanti tal-fdalijiet ta' suldat Ukren. Huwa jipproduċi wkoll artikli ta' propaganda dwar it-territorji tal-Ukrajna okkupati mir-Russja bħal Mariupol u jxerred diżinformazzjoni kontra l-Ukrajna, filwaqt li jirreferi għall-gvern Ukren bħala "Nazisti" u jakkuża lill-Ukrajna li qed tibbumbardja b'mod indiskriminat ir-reġjuni separatisti u li qed ittawwal il-gwerra. Phillips irċieva wkoll passaport mill-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk".</p> <p>Għaldaqstant, Graham Phillips qed jappoġġa azzjonijiet u politiki attribwabbli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u fpajjiż terz (l-Ukrajna) billi jinvolvi ruħu fi, direttament jew indirettament, u jappoġġa l-użu tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza, u billi jappoġġa kunflitt vjolenti fpajjiż terz (l-Ukrajna).</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
69.	Adrien BOCQUET	<p>Funzjoni: figura tal-mezzi tax-xandir</p> <p>Post tat-twelid: Franza</p> <p>Nazzjonalità: Franċiża, Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Adrien Bocquet huwa figura tal-mezzi tax-xandir li kemm-il darba ġab ruħu ta' amplifikatur tal-propaganda tal-Kremlin fl-Ewropa u fir-Russja. Permezz ta' dehriet f'siti ta' kunflitt simboliċi, intervisti mat-televiżjoni Russa, pubblikazzjonijiet fuq il-kont X tiegħu (li għandu 18 100 segwaċi) u kontributi lil organi tax-xandir iffinanzjati mill-Kremlin bħal International Reporters, jamplifika narrattivi tal-Kremlin li jgħawġu r-realtajiet tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż iċ-ċaħda ta' reati tal-gwerra mir-Russja. L-involviment tiegħu fi produzzjonijiet fix-xandir u l-approvazzjoni pubblika tan-narrattivi Russi jiffaċilitaw it-tixrid tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u jdgħajfu d-dibattitu pubbliku mgħarraf.</p> <p>Għaldaqstant, Adrien Bocquet qed jappoġġa, jinvolvi ruħu fi u jiffaċilita azzjonijiet jew politiki attribwibbli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew fpajjiż terz (l-Ukrajna) permezz tal-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, direttament u indirettament, u l-appoġġ għall-użu tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza.</p>	+''.

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.